Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,574, 21 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 17 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Certificate of Fine Arts in Digital Arts – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Certificate of Fine Arts in Digital Arts – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Postgraduate Certificate of Fine Arts in Digital Arts – P.G. Cert.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Certificate of Fine Arts in Digital Arts – P.G. Cert.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jiġi offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jibbenefika mill-perspettiva ta' Prattika bħala Riċerka, inklużi dixxiplini fl-arti diġitali, l-arti tal-media, l-arti viżiva, l-arti tal-ħoss, id-disinn grafiku, il-fotografija u l-prattika

interdixxiplinarja li taqa' taħt ir-responsabbiltà akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' studju li se jiġu offruti matul is-sena akkademika, fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom jew:

(a) grad ta' Bachelor, klassifikat mill-anqas fil-Livell 6 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u miksub tal-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III f'qasam ta' studju meqjus relevanti mill-Bord; jew

(b) kwalifika/kwalifiki professjonali u/jew esperjenza meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul fil-Kors.

(2) L-applikanti jkunu mitluba jipprovdu evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-Arti Kreattiva u / jew fil-Media permezz ta' portafoll ta' xogħolijiet riċenti.

(3) Id-dħul tal-applikanti jista' jkun kundizzjonali skont ir-rizultat tal-intervista mmexxija minn bord tal-intervisti magħmul minn tal-anqas tliet membri. Id-dħul tal-applikanti jista' jkun suġġett ukoll għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti sabiex jiġu indirizzati kwalunkwe lakuni fil-preparazzjoni akkademika tal-applikanti. Il-kundizzjonijiet imposti jistgħu jinkludu t-tmiem sodisfaċenti ta' taqsimiet-studju supplimentari, sa massimu ta' 12-il krettu ECTS, minbarra l-programm ta' studju speċifikat fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq semestru wieħed ta' studju full-time jew żewġ semestri ta' studju part-time.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jinkludi taqsimiet-studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu ECTS.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 6.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.